# ID-DAWL

OTTUBRU 2024 WWW.AHMADIYYA.MT NUMRU 82

**“Sidi tabilħaqq ikabbar u jkattar il-ġid lil min irid mill-qaddejja Tiegħu.”**




Il-Ġenerożità | X’inhu Jizyah? | Tliet Oqsma tat-Taxxa | L-Eżenzjoni minn Jizyah

F'Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin

Editorjal

Il-Morali

# Il-Ġenerożità

***Imam Laiq Ahmed Atif***
*President Ahmadiyya Muslim Jamaat*

## Il-Koran Imqaddes

M'intomx se tiksbu t-tieba, u qatt ma tilħqu l-ogħla livell tal-virtù qabel ma tonfqu u tagħtu minn dak li verament tħobbu; u kull ħaġa li tonfqu, Alla tabilħaqq jaf biha. (3:93)

Tkun xi tkun mill-ġid pur tagħkom li tonfqu fil-kawża ta' Alla, huwa (jiswa) għalikom infuskom, filwaqt li tonfqu mhux ħlief biex tfittxu l-pjaċir ta' Alla. Il-ġid li tonfqu (għal ħaddieħor) dan se jitħallas lura lilkom kollu u mhux se ssirilkom ħsara. (2:273)

Għidilhom: 'Sidi tabilħaqq ikabbar u jkattar il-ġid lil min irid mill-qaddejja Tiegħu, u jnaqqsu (lil min jidhirlu). Iżda kull ħaġa li tonfqu (għall-kawża ta' Alla), Huwa jroddha lura lilkom. Huwa l-Aħjar li jagħti l-ġid.' (34:40)

Meta tintlaqgħu b'talba sellmu b'talba aqwa jew għall-inqas irreċiprokaw. Tassew, Allah jagħti kas ta' kollox. (4:87)

## Diskorsi tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa]

Il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] qal: "Kieku kelli deheb daqs il-muntanja ta' Uhud, ma kontx nieħu pjaċir li jibqa' għandi aktar minn tlett ijiem, ħlief dak l-ammont li kont inżomm biex inħallas id-dejn." (*Bukhari*)

## ID-DAWL

OTTUBRU 2024 – Numru 82– Pubblikazzjoni ta'
**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**
**Mob:** 79 655 255 | **Tel:** 21 655 255
**Email:** amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyyamalta.org**

## INDEX

Generosity 02
What is Jizyah or Jizya? 04
Three branches of tax 05
The exemption from Jizyah 06

**www.ahmadiyya.mt/id-dawl** **Il-Qoxra:** **Jakub Zerdzicki | Unsplash**
**Indirizz:** Ahmadiyya Library & Office - 30 Triq Turu Rizzo, Gżira


Tarasovastock | shutterstock

Darba, il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] mar sas-suq bi tmien dirams biex jixtri qmis. Fi triqtu, lemaħ tifla qed tibki. Filwaqt li kulħadd injoraha, huwa ħareġ minn triqtu biex jara xi ġralha. Hija fissritlu li ħarġet biex tixtri xi ħaġa għad-dar b'żewġ dirams, iżda sfortunatament tilfithom. Il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] tant emozzjona ruħu bis-saram tagħha li newlilha żewġ dirams mit-tmienja li kellu.

Imbagħad, il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] issokta triqtu lejn is-suq, fejn xtara qmis b'erba' dirams. Qabel ma rritorna, ra xwejjaħ jesklama, "Min ilibbisni b'biċċa ħwejjeġ, jalla Allah ilibbsu bl-ilbies tal-ġenna." Meta sema' dan il-kliem, il-Profeta[sa], imħeġġeġ bl-imħabba u l-ġenerożità, ta l-qmis li kien għadu kif xtara lir-raġel xwejjaħ.

Imbagħad uża ż-żewġ dirams li kien baqagħlu biex jixtri qmis oħra u telaq mis-suq. Ftit wara, il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] iltaqa' ma' lsira li kienet qiegħda bilqiegħda tibki. Huwa qorob lejha u staqsieha għaliex kienet imdejqa. Hija wieġbet, "Jiena qed nibża' mill-kastig ta' sidi minħabba t-tul tal-assenza tiegħi." Il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] farraġha billi assiguraha li kien se jkellem lil sidha fuqha. Meta wasal id-dar tiegħu, ħabbat il-bieb u sellmilhom. Huwa mbagħad kellem lis-sid u lill-familja tiegħu, u talab il-maħfra għall-ilsira. Huma mhux biss ħafrulha bil-qalb, iżda tawha wkoll il-libertà tagħha.

Q&A

# X'inhu *Jizyah* jew *Jizya*? Għaliex dawk li mhumiex Musulmani għandhom iħallsu l-Jizyah?



Hilalabdullah | Shutterstock

Il-kunċett ta' *Jizyah* jew *Jizya* jidher li ma ġiex aċċettat minn uħud, minkejja l-fatt li kienet biss taxxa li ġiet imposta fuq dawk iċ-ċittadini li ma kinux Musulmani, bl-intenzjoni li tittejjeb is-sistema governattiva u li kienet tintefaq direttament fuq dawk stess li kienu jħallsu t-taxxa. B'dawn il-flejjes, il-gvern kien jipproteġi d-drittijiet tagħhom, u kien jirranġa aktar il-kumdità u l-benesseri tagħhom, u kien iħejji l-armati biex iħarsu l-ħajja u l-ġid tagħhom.

**Wieħed jista' jqajjem l-allegazzjoni għala din it-taxxa kienet indirizzata speċifikament għal dawk iċ-ċittadini li ma kinux Musulmani.**

It-tweġiba għal din hija li l-ewwel nett it-taxxa msemmija kienet meqjusa bħala rikompens għas-servizzi militari mogħtija mill-Musulmani, u li l-popolazzjoni mhux Musulmana kienet eżentata minnha. Fi kliem ieħor, fejn kull Musulman kien kostrett li jservi fil-militar bil-liġi, il-popolazzjoni mhux Musulmana kienet eżentata minn dan ukoll. F'dan il-każ, kien pjuttost xieraq li l-popolazzjoni mhux Musulmana ġġorr ukoll sa ċertu punt l-ispejjeż militari tal-Istat Iżlamiku. Din hija d-definizzjoni ta' Jizyah. Barra minn dan, aktar tagħrif jixhed li fil-fatt l-Iżlam kien qasam il-kwistjoni tat-taxxa fi tliet oqsma:

## Tliet oqsma tat-taxxa

**L-ewwel,** taxxa indirizzata speċifikament lill-Musulmani, bħal Żakat.

**It-tieni,** taxxa indirizzata biss għal dawk kollha li ma kinux Musulmani, bħal Jizyah.

**It-tielet,** taxxa ġenerali li setgħet tkun imposta fuq kulħadd skont iċ-ċirkustanzi, bħat-taxxa fuq l-art. Ir-raġuni għal dan it-tqassim u differenzi kienet li l-Istat Iżlamiku kien meħtieġ iwettaq ċerti obbligi li kienu relatati mal-bżonnijiet reliġjużi tal-Musulmani b'mod partikolari u għalhekk ma kienx ġust li dan il-piż kellu jaqa' wkoll fuq il-popolazzjoni mhux Musulmana.

Għalhekk, b'integrità kbira, l-Iżlam ikkrea ċertu taxxi speċifiċi għall-Musulmani waqt li oħrajn saru speċifikament għal dawk li ma kinux Musulmani. Għal din ir-raġuni, il-ħtiġijiet reliġjużi u politiċi kienu jitħallsu mit-taxxa indirizzata lill-Musulmani magħrufa bħala Żakat; l-ebda bżonn ta' natura reliġjuża ma kien imħallas mit-taxxa li kienet indirizzata lil dawk li ma kinux Musulmani magħrufa bħala Jizyah. Huwa għal din ir-raġuni li f'ħafna każijiet it-taxxa ta' Żakat li kienet imposta b'mod speċjali fuq il-Musulmani kienet akbar mit-taxxa ta' Jizyah, għaliex l-ispejjeż kienu ferm ikbar.

Għalhekk, jekk wieħed jirraġuna ftit, it-taxxa ta' Jizyah li kienet imposta fuq dawk li ma kinux Musulmani hija prova tal-integrità kbira tal-Iżlam u l-Fundatur tal-Iżlam [il-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih]. Madanakollu, hija sfortuna li nies boloh dawru din il-ħaġa fi kwistjoni kbira.

## Il-ġbir ta' Jizyah

Issa hemm il-kwistjoni li għandha x'taqsam mad-dettalji u l-ġbir ta' Jizyah. F'dan ir-rigward ukoll l-Iżlam ħoloq eżempju nobbli li bħalu ma jinstab imkien. L-ewwel nett ta' min wieħed jinnota li l-Iżlam ma ddikjara l-ebda persentaġġ għat-taxxa ta' Jizyah; pjuttost ħallieh miftuħ għaċ-ċirkostanzi ta' kull żmien u pajjiż.

B'hekk, l-istorja turina li l-Profeta Muħammad[sa] innifsu ħoloq forom u perċentwali differenti ta' Jizyah qalb it-tribujiet varji tal-Arabja. Pereżempju, il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] ta struzzjonijiet lill-Insara ta' Najran biex iħallsu flimkien kull sena 2,000 xall u xi ħwejjeġ oħra bżonjużi. Madanakollu, b'kuntrast ma' dan, kien deċiż li n-nies tal-Jemen iħallsu medja ta' dinar [dinar hija munita Għarbija magħmula mid-deheb iżda bla valur] kull persuna kull sena.

Bl-istess mod, wara l-mewt tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa], il-Kalifi tiegħu żammew l-istess prattika, jiġifieri li t-taxxa ta' Jizyah kienet tinġabar minn kull nazzjon skont iċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu, u li din it-taxxa kienet tinqasam bejn l-individwi b'tali mod li kull persuna kienet issofri minn piż finanzjarju bl-anqas mod possibbli.

Huwa assigurat mill-istorja li fl-epoka tal-Erba' Kalifi tal-Iżlam, tmienja u erbgħin dirham [dirham hija munita Għarbija magħmula mill-fidda iżda bla valur] kienu jinġabru mingħand dawk in-nies li kienu jitqiesu għonja. Nies b'mezzi medji kienu obbligati li jħallsu erbgħa u għoxrin dirham kull sena filwaqt li dawk b'mezzi miżeri, tnax-il dirham biss kull sena.

## L-eżenzjoni minn Jizyah

Aktar minn hekk, din it-taxxa minuri ma kinitx applikabbli għall-popolazzjoni kollha li ma kinitx tħaddan l-Iżlam; anzi, dawk in-nies li kienu jaqgħu fil-kategoriji li ġejjin kienu eżentati minnha:

1) Dawk kollha li ddedikaw ħajjithom għall-qadi tar-reliġjon;
2) Kull mara, tifel u tifla;
3) Kull persuna anzjana li ma setgħetx taħdem;
4) Nies għomja, jew b'xi diżabilità u għalhekk ma setgħux jaħdmu;
5) Dawk kollha li kienu fqar u fil-bżonn, li l-istat finanzjarju tagħhom ma kienx jiflaħ il-piż ta' Jizyah.

**Fil-ġbir ta' Jizyah, jiġu segwiti dawn il-prinċipji:**

i. Il-persuna li hija obbligata li tħallas Jizyah għandha d-dritt li tagħmel dan billi tħallas fi flus jew inkella toffri ħwejjeġ li jġibu l-istess valur.
ii. Rigward il-ġbir ta' Jizyah, kien hemm struzzjonijiet riġidi li ma ssir l-ebda moħqrija, u kastigi korporali kienu assolutament projbiti.
iii. Jekk persuna kellha tagħti ammont partikolari ta' Jizyah, u din tinzerta tmut, dak l-ammont kien jinħafer; u l-werrieta tal-mejjet ma kinux jinżammu responsabbli biex iħallsu dak l-ammont, u lanqas ma kien jitnaqqas mill-wirt ta' dik il-persuna.

# Jizya



**Hemm xi pajjiż li joffri dawn il-privileġġi llum il-ġurnata?** Mhux biss intużat ħafna ġenerożità fit-tħaddim ta’ Jizyah; anzi, anki wara l-obbligu tagħha, jekk l-istat finanzjarju ta’ persuna ma kienx jippermetti assolutament li din tħallas it-taxxa ta’ Jizyah, dak l-ammont dovut kien jinħafer. Għaldaqstant, dan l-episodju li ġej huwa eżempju interessanti ta’ dan l-istess fatt.

Hemm rakkont li jgħid li darba waħda Ħażrat Umar[ra] [it-tieni Kalif tal-Iżlam] inzerta għaddej minn post fejn għadd ta’ persuni mhux Musulmani kienu qed jiġu trattati ħażin minħabba l-ġbir ta’ Jizyah. Meta Ħażrat Umar[ra] intebaħ b’dan, huwa waqaf minnufih u staqsa b’ċerta rabja, **“X’qiegħed jiġri hawn?”** Intqal lilu, **“Dawn in-nies ma jħallsux Jizyah u qed jgħidu li m’għandhomx mnejn iħallsu.”** Ħażrat Umar[ra] wieġeb:

> **“Mela m’hemm l-ebda raġuni għala għandu jintefa’ fuqhom dan il-piż jekk huma ma jifilħux iġorruh. Ħalluhom. Jiena smajt lill-Qaddis Profeta Muħammad[sa] jgħid, ‘Dak li jikkawża n-niket lin-nies f’din id-dinja, ikun ikkastigat minn Alla f’Jum il-Ġudizzju.’”**

B'hekk, it-taxxa ta' Jizyah inħafret.

Minħabba l-istruzzjonijiet ċari tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa], Ħażrat Umar[ra] tant kien jinkwieta għall-popolazzjoni mhux Musulmana li kienet taqa' taħt il-ħakma tiegħu li meta kien qed imut ħalla testment b'kitba li kienet tgħid hekk:

> **"Jiena nirrakkomanda lill-Kalif li jiġi warajja biex jittratta ċ-ċittadini mhux Musulmani tal-Istat Iżlamiku b'ħafna mogħdrija u ġenerożità. Onora t-trattati miftiehma magħhom u pproteġihom. Issielet mal-għedewwa tagħhom f'isimhom, u fl-ebda ċirkostanza, m'għandek titfa' piż jew responsabbiltà fuqhom li huma ma jkunux jifilħu għalihom."** (Seal of the Prophets, Vol. 2, p.563-566)

## Siru l-ħbieb ta' Alla

Alla huwa Qaddis u jħobb il-qdusija, il-fedeltà, is-sinċerità u t-tjubija ta' qalbna. Il-Fundatur tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana jispjega dan u jgħid:

"Kull għajn impura tibqa' mbiegħda minn Alla. Kull qalb impura tibqa' ma tagħrfux. Bl-aktar sinċerità profonda tal-qalb, b'saħħa u mħabba soda, siru l-ħbieb ta' Alla, biex Hu wkoll isir ħabib tagħkom. Jekk f'xi rokna ta' qalbkom hemm il-kburija, il-pretensjoni vojta, l-ipokresija, il-vanità, l-egoiżmu, jew dispożizzjoni mnellħa, intom ma tkunu tiswew xejn quddiem il-Mulej.

Ibqgħu ibżgħu mis-saħta ta' Alla, għaliex Huwa Qaddis. Wieħed li jwettaq il-ħażin ma jistax ikun qrib Tiegħu. Agħmlu l-għemejjel tajbin kollha b'mod tajjeb u xierqa li jistħoqqilhom. Kunu ċerti ħafna u ħafna li l-ebda azzjoni, tkun xi tkun, ma tista' teħodkom għand Alla jekk tkun nieqsa mill-ġustizzja, il-pjetà u s-safa tal-qalb.

Wara li tkunu saffejtu lil qlubkom, u ppurifikajtu lsienkom, għajnejkom u widnejkom, ersqu lejn Alla sabiex Hu jaċċettakom." (Il-Messija Mwiegħed[as])

**IMĦABBA GĦAL KULĦADD - MIBEGĦDA GĦAL ĦADD**

**"ID-DAWL"** (The Light) is a Maltese magazine published by the Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta.

amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**